

Brussell, 23 ta' Mejju 2016
(OR. en)

9111/16

COAFR 138
RELEX 412
ACP 71
DEVGEN 96
ASIM 76
JAI 397
COPS 154
MAMA 82
COWEB 43

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Mejju 2016

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8933/16, 9242/16

Suġġett: Aspetti esterni tal-migrazzjoni
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' Mejju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni, kif adottati mill-Kunsill fit-3466 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aspetti esterni tal-migrazzjoni

1. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-ħidma dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-migrazzjoni tissaħħaħ aktar u jtenni l-impenn tiegħu għal approċċ komprensiv u ġeografikament bilanċjat dwar il-migrazzjoni abbażi tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2015 u t-12 ta' Mejju 2016 b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill ifakkar fil-passi meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha fl-integrazzjoni tal-migrazzjoni bħala komponent permanenti u strutturali tal-politika barranija tal-UE. Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet maqbula għandha tiffurma l-qalba tal-approċċ tal-UE, il-Kunsill jilqa' t-talbiet u l-inizjattivi tal-Istati Membri għal aktar azzjoni kollettiva msaħħa tal-UE lejn pajjiżi terzi.
2. F'dan ir-rigward il-Kunsill jibqa' fiduċjuż li politika barranija Ewropea b'saħħitha, ambizzjuża u koordinata tajjeb ser tagħti lill-UE l-għodod essenzjali biex b'mod effettiv tindirizza l-isfidi attwali u futuri fil-migrazzjoni. Dan ser jitlob l-użu effettiv tal-għodod u l-istrumenti kollha rilevanti tal-UE kif ukoll finanzjament adegwat.

3. Bil-ħsieb tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, il-Kunsill jisħaq fuq l-urġenza tat-tisħiħ tal-approċċ komuni tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef il-ħidma marbuta mal-aspetti esterni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, id-Djalogi ta' Livell Għoli promossi mir-RGħ/VP, il-pakketti mfassla speċifikament għall-pajjiżi mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta, id-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-Rotta tal-Mediterran tal-Lvant - tal-Balkani tal-Punent, u jilqa' l-preżentazzjoni ta' proposti innovattivi mill-Istati Membri kollha, inkluż il-“Patt dwar il-Migrazzjoni” propost mill-Italja. Il-Kunsill ser ikompli wkoll jeżamina l-proposta mill-Ungerija dwar “Schengen 2.0”. Barra minn hekk, huwa jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-approċċ tal-UE għaċ-ċaqliq sfurzat u l-iżvilupp.

4. Waqt li jinnota l-eżitu kostruttiv tad-Djalogi ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni, il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid li l-għaqda tal-valur miżjud tal-UE mal-impenn u l-kontribut tal-Istati Membri hija mod tajjeb kif isir progress fid-djalogi speċifiċi għall-pajjiżi. Dan jidher ukoll mill-impenn dirett meħud tal-Presidenza u Stati Membri individwali f'appoġġ lir-RGħ/VP, flimkien mal-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni. Fuq din il-bażi, huwa kruċjali li l-UE u l-Istati Membri jkomplu jikkonsolidaw u jwettqu dan il-mod konġunt ta' kif jindirizzaw sfidi komuni u jħallu l-akbar impatt bil-ħidma kollettiva tagħhom. F'dan ir-rigward, l-involvement ma' pajjiżi terzi għandu jiġi kkoordinat mill-qrib. Il-Kunsill ser jieħu kont regolari tal-progress li jkun sar.

5. Il-Kunsill ikompli jappoġġa l-ħidma konġunta fuq il-pakketti mfassla speċifikament għall-pajjiżi, b'mod partikolari għal għadd ta' pajjiżi sħab ewlenin fl-Afrika u l-Asja, fi ħdan il-qafas tad-Djalogi ta' Livell Għoli u bil-pakketti ta' incenċivi bħala bażi biex jinkisbu riżultati. Il-pakketti speċifiċi għall-pajjiżi għandhom jispeċifikaw b'mod ċar impenji reċiproċi mill-UE u l-Istati Membri tagħha u mis-sħab.

Huwa jfakkar fl-importanza li tiġi promossa riorjentazzjoni koerenti tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż permezz ta' programmazzjoni konġunta u faċilitajiet ta' taħlit ta' finanzjament, sabiex tiġi appoġġata l-azzjoni esterna dwar il-migrazzjoni.

6. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u jfakkar fil-qbil milħuq fil-Belt Valletta li jinkisbu riżultati fil-ħames pilastri tal-pjan ta' azzjoni u fit-tliet reġjuni kollha (l-Afrika ta' Fuq, ir-reġjun tas-Saħel/il-Lag Chad, il-Qarn tal-Afrika). Huwa jilqa' l-approvazzjoni rapida ta' proġetti b'valur ta' € 751M fil-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika u jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni bbilanċjata u komprensiva tiegħu f'konformità mal-prinċipji ta' effettività, sħubija u komplementarjetà kif ukoll l-interess tal-UE f'kooperazzjoni aħjar dwar ir-ritorn u r-riammissjoni. Il-Kunsill jistenna li jsaħħaħ il-ħidma, bi sħubija mill-qrib mal-pajjiżi Afrikani, permezz ta' djalogu politiku strateġiku u trasparenti kkoordinat (inkluż bil-proċessi ta' Khartoum u ta' Rabat), b'mod partikolari permezz ta' laqgħa f'Ġunju biex fil-livell ta' esperti jittieħed kont tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u l-Laqgħa għall-Uffiċjali Għolja fl-2017, u jistieden il-Bord Strateġiku tal-Fond Fiduċjarju biex jipprovdi gwida strateġika ulterjuri. Il-Kunsill ser isegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u jistieden lir-RGħ u lill-Kummissjoni biex jirrapportaw dwar il-progress li jkun sar f'Kunsill li jmiss.

7. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp u l-importanza tal-implimentazzjoni rapida tal-inizjattiva għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet b'appoġġ għall-inizjattiva tas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD) bħala parti mis-soluzzjoni.

8. Fi ħdan dan l-approċċ olistiku, il-kooperazzjoni fuq ir-ritorn u r-riammissjoni tiffirma element importanti ta' kooperazzjoni usa' u bilanċjata mal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-ftehimiet ta' riammissjoni eżistenti għall-Istati Membri parteċipanti kollha. In-negozjati li diġà ngħataw mandat mill-Kunsill u n-negozjati li għaddejjin dwar il-ftehimiet ta' riammissjoni għandhom jiġu aċċellerati u konklużi kemm jista' jkun malajr, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, huwa impenjat lejn kooperazzjoni msaħħa u aktar effettiva dwar ir-ritorn ma' pajjiżi ewlenin ta' orijini u ta' transitu, b'mod partikolari l-Pakistan, l-Afganistan u il-Bangladesh, u jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati dwar ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tan-Niġerja. Il-Kunsill ifakkar fl-obbligi legali rilevanti kollha fir-rigward tal-pajjiżi AKP taħt il-Ftehim ta' Cotonou. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' orijini u ta' transitu tista' tkopri wkoll l-identifikazzjoni ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni u programmi ta' ritorn volontarju assistit għal migranti maqbuda u mwaħħlin fil-post.

Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa ta' kooperazzjoni fil-migrazzjoni mal-pajjiżi terzi kollha, bħall-Iraq, li bħalissa huma importanti fil-ġestjoni ta' flussi migratorji irregolari.

9. It-taħlita ta' djalogi, missjonijiet u strumenti deskritti hawn fuq għandha twassal għal titjib viżibbli fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab ewlenin. Dan l-approċċ, bħala parti minn pjan strateġiku u operazzjonali, ibbażat fuq miżuri konkreti fuq perijodu qasir, medju u fit-tul, għandu jkun parti ċentrali mill-aspetti esterni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u t-tħejjijiet ulterjuri għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u ż-żona ta' Schengen.

10. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma mwettqa fuq ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran għall-ġestjoni tal-flussi kbar ta' refuġjati u tal-migrazzjoni irregolari tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent u jissottolinja l-importanza ta' passi deċiżivi oħrajn meħuda fl-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija tat-18 ta' Marzu. Kooperazzjoni mill-qrib kontinwa mat-Turkija fil-qafas stabbilit qed tgħin biex tneħħi l-inċentiv għall-migranti u dawk li qed ifittxu l-asil li jsegwu rotot irregolari lejn l-UE li jpoġġulhom f'riskju. It-tnaqqis tal-flussi migratorji jrid ikun sostenibbli. F'dan il-kuntest, l-iskambju attiv ta' informazzjoni, koordinazzjoni u kooperazzjoni ġewwa l-UE u ma' pajjiżi terzi wera l-effikaċja tiegħu u għandu jitkompla, inkluż l-assistenza fl-indirizzar tal-isfidi ġenerali relatati mal-migrazzjoni. Huwa importanti li tinżamm viġilanza fir-rigward tar-rotta tal-Lvant tal-Mediterran u li jintuża wkoll il-qafas ta' proċessi reġjonali (il-proċessi ta' Budapest u ta' Praga) biex ikunu ġestiti aħjar il-flussi migratorji.

L-istrumenti rilevanti kollha tal-UE għandhom jintużaw biex jiġi miġġieled it-traffikar kriminali organizzat tal-bnedmin, jiżżarma n-netwerk ta' kuntrabandisti tal-bnedmin u biex tiġi indirizzata l-kriżi umanitarja billi jerġa' jkun hemm ġestjoni sigura u ordinata ta' flussi migratorji, kif xieraq.

Barra minn hekk, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu lill-Ġordan, il-Libanu u l-Iraq, u jtenni l-appell tiegħu sabiex jingħataw malajr id-donazzjonijiet u biex jiġu ffinalizzati l-Patti tal-UE għall-Ġordan u l-Libanu biex jiżdied l-appoġġ lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fiż-żewġ pajjiżi.

11. Fir-rigward tar-rotta tal-Mediterran Ċentrali, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tintuża l-firxa wiesgħa ta' għodod disponibbli għall-ġestjoni tal-flussi f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' transitu bħala parti minn approċċ reġjonali tal-UE għall-migrazzjoni, inkluż permezz ta' strumenti tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). B'mod partikolari, huwa jenfasizza l-importanza tal-ħidma li għandha titwettaq fuq talba u fi sħubija mal-Gvern Libjan ta' Kunsens Nazzjonali fuq approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, li jinkludi l-ġlieda kontra l-kuntribandisti u t-traffikanti, kif ukoll il-bini ta' kapaċità u t-taħriġ tal-gwardja tal-kosta u l-Flotta Navali Libjani bħala wieħed miż-żewġ kompiti ta' appoġġ ulterjuri li għandhom jiġu implimentati mill-EUNAVFOR MED Operazzjoni Sophia. Ser titmexxa 'l quddiem il-ħidma għal dan il-għan biex jiġi emendat il-mandat ta' EUNAVFOR MED Operazzjoni Sophia kif ukoll l-istabbiliment possibbli ta' iktar preżenza ċivili tal-PSDK fil-Libja, inkluż dwar l-assistenza għall-ġestjoni tal-fruntieri, barra mill-proġetti eżistenti finanzjati mill-UE tal-bini tal-kapaċità.

Filwaqt li jżommu l-attenzjoni fuq il-mandati ewlenin ta' missjonijiet u operazzjonijiet attwali tal-PSDK fir-reġjun tas-Sahel, tista' titkompla l-ħidma fuq kif jistgħu jikkontribwixxu għal aktar stabbiltà u sigurtà u għal tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri fir-reġjun.

F'terminu ta' żmien immedjat, il-ħidma fuq ir-rotta migratorja tal-Mediterran Ċentrali ser titwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) u ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni ta' dawk fil-bżonn, l-akkoljenza dinjituża ta' migranti maqbuda u mwaħħlin u r-ritorn ta' migranti irregolari, inkluż proġetti ta' ritorn volontarju u integrazzjoni mill-ġdid assistiti, inkluż fin-Niġer, fuq il-bażi ta' ħidma eżistenti li għaddejja bħalissa.

Għandhom jiġu kkunsidrati opzjonijiet oħra fil-kuntest tal-isfidi tal-migrazzjoni, inkluż fuq il-bini tal-kapaċità, it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-iskambju ta' informazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

12. Filwaqt li jittieħed kont ta' kisbiet pożittivi, il-Kunsill ifakkar fl-importanza li titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi tar-rotta tal-Mediterran tal-Punent, inkluż permezz ta' inizjattivi bilaterali u multilaterali.

13. Filwaqt li huwa importanti li tiġi indirizzata l-ġestjoni tal-flussi migratorji li għaddejjin bħalissa minnufih u fuq perijodu qasir, il-Kunsill itenni l-importanza li jiġu indirizzati l-għerquq tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni, inkluż permezz tal-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti sabiex issir ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji mħalltin. Filwaqt li jittieħed kont tal-firxa kumplessa ta' kawżi li jwasslu għal movimenti migratorji, il-bini ta' sħubijiet b'saħħithom abbażi ta' fiduċja reċiproka ma' pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u pajjiżi terzi ospitanti b'politiki sostnuti fit-tul u l-użu sħiħ tal-proċessi u l-programmi eżistenti huma kruċjali. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' prevenzjoni f'pajjiżi terzi dwar riskji ta' kuntrabandu u traffikar tal-bnedmin. Il-Kunsill jibqa' viġilanti ferm fir-rigward tal-possibbiltà ta' rotot ġodda għall-migrazzjoni irregolari u jappella għall-miżuri adatti li jistgħu jkunu meħtieġa f'dak ir-rigward. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-migrazzjoni mhux biss bħala fenomenu fuq perijodu qasir iżda wkoll bħala sfida u opportunità fit-tul.

14. Il-Kunsill itenni li d-dinja qed tiffaċċa l-ogħla rata ta' ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni mit-Tieni Gwerra Dinjija, b'aktar minn 60 miljun refuġjat u persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs). Il-ġestjoni ta' flussi migratorji mħalltin mhijiex biss responsabbiltà Ewropea, iżda waħda globali, li titlob impenji u soluzzjonijiet kollettivi. Hija tirrikjedi li pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni jibnu sħubijiet ġenwini, fuq il-bażi ta' appoġġ u solidarjetà reċiproċi msaħħa, u kondivizzjoni ekwa u bilanċjata tar-responsabbiltà fil-komunità internazzjonali. L-UE ser tkompli tippromwovi bil-qawwa r-rispett tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, id-dritt dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

15. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-avvenimenti globali relatati mal-movimenti migratorji u l-kriżi tar-refuġjati, bħas-Summit Umanitarju Dinji u l-avvenimenti ta' livell għoli li jsiru fil-marġni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2016. F'dawn l-avvenimenti, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma lesti li jimpenjaw ruħhom b'mod attiv għal kondivizzjoni ekwa u bilanċjata tar-responsabbiltà fil-komunità internazzjonali.